

Brussell, 22 ta' Settembru 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0263(NLE)

11030/20
ADD 1

ACP 95
WTO 189
COASI 111
RELEX 669

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Settembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 576 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adeżjonijiet tal-Istat Indipendenti ta' Samoa u l-Gżejjer Solomon, u ta' adeżjonijiet futuri ta' Stati Gżejjer tal-Paċifiku oħrajn

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 576 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2020) 576 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.9.2020
COM(2020) 576 final

ANNEX

ANNESS

ta'

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adeżjonijiet tal-Istat Indipendenti ta' Samoa u l-Gżejjer Solomon, u ta' adeżjonijiet futuri ta' Stati Gżejjer tal-Paċifiku oħrajn

FTEHIM

li jemenda l-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adeżjonijiet tal-Istat Indipendenti ta' Samoa u l-Gżejjer Solomon, u ta' adeżjonijiet futuri ta' Stati Gżejjer tal-Paċifiku oħrajn

L-UNJONI EWROPEA,

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TA' FIĠI (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Fiġi"),

L-ISTAT INDIPENDENTI TA' PAPUA New Guinea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Papua New Guinea"),

L-ISTAT INDIPENDENTI TA' SAMOA (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Samoa"), u

l-GŻEJJER SOLOMON (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Gżejjer Solomon"),

minn hawn 'il quddiem imsejħa wkoll "l-Istati tal-Paċifiku",

min-naħa l-oħra,

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra¹ (il-"Ftehim Interim ta' Sħubija"), li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, iffirmat f'Londra fit-30 ta' Lulju 2009 u applikat b'mod proviżorju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Papua New Guinea mill-20 ta' Diċembru 2009 u bejn l-Unjoni Ewropea u Fiġi mit-28 ta' Lulju 2014;

WARA LI KKUNSIDRAW il-fatt li l-Artikolu 80 tal-Ftehim ta' Sħubija Interim jipprevedi li Gżejjer oħra tal-Paċifiku jistgħu jaderixxu mal-Ftehim abbażi tas-sottomissjoni ta' offerta ta' aċċess għas-suq konformi mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994;

WARA LI KKUNSIDRAW il-fatt li, billi ddepożitaw l-atti ta' adeżjoni tagħhom, issieħbu rispettivament is-Samoa u l-Gżejjer Solomon fil-Ftehim ta' Sħubija Interim fil-21 ta' Diċembru 2018 u fis-7 ta' Mejju 2020, rispettivament, u b'hekk saru Partijiet Kontraenti għall-Ftehim;

WARA LI KKUNSIDRA l-fatt li l-Ftehim Interim ta' Sħubija japplika b'mod proviżorju bejn l-Unjoni Ewropea u Samoa mill-31 ta' Diċembru 2018, u bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon mis-17 ta' Mejju 2020;

WARA LI KKUNSIDRAW ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ tal-4 ta' Ottubru 2019 stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Interim dwar l-emendi li għandhom isiru sabiex titqies l-adeżjoni tal-Istati Gżejjer tal-Paċifiku għall-Ftehim Interim ta' Sħubija;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom lejn l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Interim, u LI jixtiequ jaħdmu flimkien biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim;

FILWAQT LI JIXTIEQU jiffaċilitaw l-adeżjoni tal-Istati Gżejjer tal-Paċifiku oħra għall-Ftehim ta' Sħubija Interim u li jestendulhom il-benefiċċji li jirriżultaw mill-Ftehim,

¹ ĠU L 272, 16.10.2009, p. 2.

IDDEĊIDEW LI JIKKONKLUDU DAN IL-FTEHIM:

Artikolu 1

Emenda għall-Ftehim Interim ta' Sħubija

Il-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 70, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
“1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim il-“Partijiet Kontraenti” għandhom ikunu l-Komunità Ewropea, imsejħa l-“Parti tal-KE”, minn naħa waħda u Papua New Guinea, ir-Repubblika ta' Fiġi, l-Istat Indipendenti ta' Samoa u l-Gżejjer Solomon, imsejħa l-“Istati tal-Paċifiku”, min-naħa l-oħra.”.
2. Fl-Artikolu 80, għandu jidher il-paragrafu 3 li ġej:
“3. Il-Kumitat tal-Kummerċ jista' jiddeċiedi dwar kwalunkwe emenda teknika għall-Ftehim li tista' tkun meħtieġa wara l-adeżjoni ta' Gżejjer Stati tal-Paċifiku oħrajn.”.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Ftehim għandu jidher fis-seħħ skont l-istess kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 76(1) tal-Ftehim ta' Sħubija Interim.
2. Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat proviżorjament skont l-istess kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 76(2) tal-Ftehim Interim ta' Sħubija.

Artikolu 3

Testi awtentiċi

Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ eżemplari bil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola u Żvediża, u kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenżjarji ffirmati hawn taħt, debitament awtorizzati għal dan il-għan, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi [belt] fi [data].

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Repubblika ta' Fiġi

Għall-Istat Indipendenti ta' Papua New Guinea

Għall-Istat Indipendenti ta' Samoa

Għall-Gżejjer Solomon